KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
SAUGMANDSGAARD ØE
ippreżentati fit-2 ta' Mejju 2019[1]

**Kawża C-692/17**

**Paulo Nascimento Consulting – Mediação Imobiliária Lda**
**vs**
**Autoridade Tributária e Aduaneira**

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supremo Tribunal Administrativa (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Portugall))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) – Direttiva 2006/112/KE – Eżenzjonijiet – Artikolu 135(1)(b) u (d) – Tranżazzjonijiet dwar l-għoti u n-negozjar ta' krediti kif ukoll għall-immaniġġjar ta' krediti – Tranżazzjonijiet li jirrigwardaw id-djun, bl-eċċezzjoni tal-irkupru ta' djun – Trasferiment bi ħlas, favur terz, ta' pożizzjoni fi proċedura għall-irkupru forzat ta' dejn irrikonoxxut minn deċiżjoni ġudizzjarja"

## I. Introduzzjoni

1. It-talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mis-Supremo Tribunal Administrativo (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Portugall) tressqet fil-kuntest ta' kawża dwar it-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) dovuta minn aġenzija immobiljarja fir-rigward tat-trasferiment bi ħlas, favur terz, tal-pożizzjoni li din il-persuna taxxabbli kellha fi proċedura intiża għall-irkupru forzat ta' dejn li kien irrikonoxxut minn deċiżjoni ġudizzjarja.

2. Id-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112/KE[2], li jipprovdi eżenzjoni mill-VAT għat-tranżazzjonijiet ta' persuna taxxabbli li jikkonsistu fl-għoti u fin-negozjar ta' krediti kif ukoll fl-immaniġġjar ta' krediti mwettqa mill-persuna li tkun tathom.

3. Sabiex tingħata risposta utli lil din il-qorti, inqis li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tiddeċiedi wkoll, f'din il-kawża, dwar l-interpretazzjoni tal-punt (d) tal-Artikolu 135(1) li jipprovdi eżenzjoni mill-VAT, b'mod partikolari, għat-tranżazzjonijiet ta' persuna taxxabbli li jirrigwardaw id-djun, ħlief jekk ikunu jirrigwardaw irkupru ta' djun.

4. Għar-raġunijiet mogħtija f'dawn il-konklużjonijiet, inqis li l-imsemmija punti (b) u (d) għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-eżenzjonijiet hemm previsti ma għandhomx jiġu applikati għal ċirkustanzi bħal dawk fil-kawża prinċipali.

1 Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

2 Direttiva tal-Kunsill tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (ĠU 2006, L 347, p. 1, rettifika fil-ĠU 2007, L 335, p. 60).

## II. Il-kuntest ġuridiku

### *A. Id-dritt tal-Unjoni*

5. Kif tindika l-premessa 1 tagħha, id-Direttiva 2006/112 fasslet mill-ġdid is-Sitt Direttiva 77/388/KEE [3].

6. Skont l-Artikolu 2(1)(a) u (ċ) tad-Direttiva 2006/112, huma suġġetti għall-VAT il-kunsinni ta' oġġetti u l-provvisti ta' servizzi, meta dawn jitwettqu bi ħlas fit-territorju ta' Stat Membru u minn persuna taxxabbli li taġixxi bħala tali.

7. It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) ta' din id-direttiva jistabbilixxi dak li għandu jinftiehem b'"attività ekonomika" fis-sens tagħha.

8. Skont l-Artikolu 14(1) tal-imsemmija direttiva, "'[p]rovvista ta' merkanzija' [kunsinna ta' oġġetti] għandha tfisser it-trasferiment tad-dritt ta' sid li jiddisponi minn proprjetà tanġibbli".

9. Skont l-Artikolu 24(1) tad-Direttiva 2006/112 "'[p]rovvista ta' servizzi' għandha tfisser kwalunkwe operazzjoni li ma tikkostitwix provvista ta' merkanzija [kunsinna ta' oġġetti]". L-Artikolu 25(a) tagħha jippreċiża li "[p]rovvista ta' servizzi tista' tikkonsisti, *inter alia*, […] [f]l-assenjazzjoni ta' proprjetà intanġibbli kemm jekk hija u kemm jekk mhix soġġetta għal att li jistabbilixxi titolu".

10. Skont l-Artikolu 135(1)(b) u (d) ta' din id-direttiva, l-Istati Membri għandhom jeżentaw:

"(b) l-għoti u n-negozjar ta' kreditu u l-immaniġġjar tal-kreditu mill-persuna li tagħtih;

[…]

(d) transazzjonijet, inkluż negozjar, li jikkonċernaw kontijiet ta' depożitu u kontijiet kurrenti, pagamenti, trasferimenti, debiti [djun], ċekkijiet u strumenti oħrajn negozzjabbli, imma eskluża l-kollezzjoni tad-debitu [l-irkupru ta' djun]" [4].

### *B. Id-dritt Portugiż*

11. Diversi dispożizzjonijiet ġew introdotti fil-Código do Imposto sobre o Valor Acrescentado (il-Kodiċi tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, iktar 'il quddiem il-"Kodiċi tal-VAT") sabiex iġibu l-leġiżlazzjoni Portugiża dwar il-VAT f'konformità mal-atti tad-dritt sekondarju tal-Unjoni applikabbli f'dan il-qasam [5].

12. Skont l-Artikolu 9(27)(a) u (c) ta' dan il-kodiċi, fil-verżjoni tiegħu applikabbli fid-data tal-fatti tal-kawża prinċipali, huma eżenti mill-VAT:

"(a) l-għoti u n-negozjar ta' krediti, taħt kull forma, inklużi t-tranżazzjonijiet ta' skont u riskont, kif ukoll l-amministrazzjoni u l-immaniġġjar tagħhom mill-persuna li tkun tathom;

[…]

3 Is-Sitt Direttiva tal-Kunsill tas-17 ta' Mejju 1977 fuq l-armonizzazzjoni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri dwar taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ - Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud: bażi uniformi ta' stima (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 9, Vol. 1, p. 23, iktar 'il quddiem is-"Sitt Direttiva").

4 Infakkar li l-imsemmi Artikolu 135(1)(b) sa (g) jirriproduċi, f'termini essenzjalment identiċi, l-eżenzjonijiet li preċedentement kienu previsti rispettivament fil-punti 1 sa 6 tal-Artikolu 13B(d) tas-Sitt Direttiva (ara wkoll, is-sentenza tal-25 ta' Lulju 2018, DPAS, C-5/17, EU:C:2018:592, punt 4).

5 Fir-rigward ta' dawn id-dispożizzjonijiet ta' traspożizzjoni, ara, b'mod partikolari, is-sentenza tat-8 ta' Marzu 2012, Il-Kummissjoni vs Il-Portugall (C-524/10, EU:C:2012:129, punt 14).

(c) it-tranżazzjonijiet, inkluż in-negozjar, li jikkonċernaw kontijiet ta' depożitu u kontijiet kurrenti, pagamenti, trasferimenti, ħlasijiet riċevuti, ċekkijiet, kambjali kummerċjali u strumenti oħra, bl-esklużjoni ta' tranżazzjonijiet ta' sempliċi rkupru ta' djun".

## III. Il-kawża prinċipali, id-domanda preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

13. Mid-deċiżjoni tar-rinviju u mill-fajl nazzjonali mibgħut lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li, fix-xahar ta' Novembru 2006, Paulo Nascimento Consulting – Mediação Imobiliária Lda (iktar 'il quddiem "PNC") ingħatat, fil-kuntest tal-attività tagħha ta' aġenzija immobiljarja, mandat esklużiv ta' bejgħ ta' art agrikola. PNC ipproponiet offerta ta' bejgħ lis-sid tal-art iżda dan ċaħadha u rrifjuta li jħallasha għas-servizz ipprovdut.

14. Għalhekk PNC adixxiet lit-Tribunal de Família e Menores e de Comarca de Portimão (il-Qorti tal-Familja u tal-Minuri tad-Distrett ta' Portimão, il-Portugall), sabiex tikkundanna lill-mandant tagħha jħallasha ammont ta' EUR 125 000, dovuti bħala kummissjoni tal-aġenzija immobiljarja, flimkien mal-VAT u mal-interessi moratorji sad-data tal-ħlas komplet. Din il-qorti laqgħet it-talba ta' PNC, permezz ta' sentenza li saret definittiva.

15. Peress li d-debitriċi ma ħallsitx l-ammont responsabbli għalih, PNC introduċiet, quddiem l-istess qorti, rikors għal irkupru forzat intiż sabiex tikseb l-irkupru tad-dejn dovut lilha kif irrikonoxxut mill-imsemmija sentenza, li kien jammonta għal EUR 170 859.62 [6].

16. Fil-kuntest ta' din il-proċedura ta' eżekuzzjoni, ġiet maqbuda proprjetà immobbli tad-debitriċi sabiex tiggarantixxi l-ħlas tal-ammont dovut. Sussegwentement, il-proprjetà maqbuda ġiet aġġudikata lil PNC għas-somma ta' EUR 606 200 [7], flimkien mal-obbligu li tħallas, lill-aġenzji ta' eżekuzzjoni, l-eċċess – jiġifieri d-differenza bejn l-ammont tal-aġġudikazzjoni u l-valur tad-dejn dovut lilha – flimkien mal-ispejjeż ta' eżekuzzjoni. Jidher li l-ammont li kellu jitħallas bħala eċċess kellu jammonta għal EUR 417 937.12.

17. Permezz ta' ftehim tad-29 ta' Settembru 2010, PNC ittrasferixxiet lil Starplant – Unipessol Lda (iktar 'il quddiem "Starplant") id-drittijiet tagħha kollha li joriġinaw mill-pożizzjoni tagħha fil-proċedura ta' eżekuzzjoni forzata li kienet għadha għaddejja, inkambju għall-ħlas ta' ammont ta' EUR 351 619.90 minn Starplant [8].

18. Fix-xahar ta' Ottubru 2010, minn naħa, PNC daħħlet fil-kontijiet tagħha l-ammont ta' EUR 125 000 riċevut bħal korrispettiv għas-servizzi pprovduti lill-mandant fuq imsemmi u ħallset is-somma ta' EUR 26 250 li tikkorrispondi għall-VAT dovuta f'dan ir-rigward. Min-naħa l-oħra, hija daħħlet fil-kontijiet tagħha l-ammont ta' EUR 200 369.90 bħala "profitti oħra mhux speċifikati", li jikkorrispondi għall-bilanċ tal-prezz imħallas minn Starplant [9], ammont li fuqu hija ma ħallset ebda VAT.

6 Dejn ikkalkolat kif ġej: EUR 125 000 (kummissjoni tal-aġenzija) + EUR 26 250 (VAT fuq din il-kummissjoni) + EUR 19 609.62 (interessi moratorji).

7 Skont il-fajl nazzjonali, jidher li din is-somma tikkorrispondi għal 70 % tal-prezz tal-bejgħ tal-immobbli inkwistjoni, kif stabbilit mill-espert ġudizzjarju abbażi ta' stima ta' proprjetà immobbli mwettqa minn entità indipendenti għal dan il-għan.

8 Skont dan il-ftehim, abbozzat mir-reġistratur tal-qorti adita mill-kawża għall-finijiet ta' irkupru forzat, PNC intrabtet li twettaq u/jew tiffirma individwalment jew b'mod konġunt ma' Starplant dak meħtieġ għas-sostituzzjoni proċedurali immedjata.

9 Bilanċ ikkalkolat kif ġej: EUR 351 619.90 (prezz imħallas minn Starplant) – EUR 125 000 (kummissjoni tal-aġenzija) – EUR 26 250 (VAT fuq din il-kummissjoni).

19. Fl-24 ta' Ġunju 2014, l-Autoridade Tributária e Aduaneira (l-Awtorità Fiskali u Doganali, il-Portugall) ħarġet valutazzjoni tal-VAT (EUR 73 840.18 [10]) flimkien mal-interessi relatati magħha (EUR 9 807.59), jiġifieri ammont totali ta' EUR 83 647.77, wara li qieset li d-dikjarazzjoni tal-VAT ippreżentata minn PNC, għall-perijodu kkonċernat, ma kinitx daħħlet fil-kontijiet b'mod korrett it-trasferiment tal-pożizzjoni proċedurali mwettqa għal EUR 351 619.90. F'dan ir-rigward, hija qieset li din kienet tranżazzjoni distinta minn dik relatata mal-kummissjoni ta' aġenzija immobiljarja u kienet suġġetta għall-VAT ukoll, għaliex kienet tikkostitwixxi t-trasferiment ta' dritt bi ħlas, minn persuna taxxabbli li taġixxi bħala tali, li kien jaqa' taħt il-kunċett ta' provvista ta' servizzi u ma kien kopert minn ebda eżenzjoni prevista mill-Kodiċi tal-VAT.

20. Permezz ta' sentenza tat-30 ta' Ġunju 2015, it-Tribunal Administrativo e Fiscal de Loulé (il-Qorti Amministrattiva u Fiskali ta' Loulé, il-Portugall) laqgħet ir-rikors ta' PNC intiż għall-annullament tal-valutazzjoni tal-VAT fuq imsemmija [11].

21. Fis-sentenza tagħha tal-4 ta' Frar 2016, it-Tribunal Central Administrativo Sul (il-Qorti Amministrattiva Ċentrali tan-Nofsinhar, il-Portugall), adita mill-Fazenda Pública (it-Teżor Pubbliku, il-Portugall), qalbet is-sentenza mogħtija fl-ewwel istanza, għar-raġuni li t-trasferiment ta' dejn inkwistjoni kien jaqa' taħt l-attività ekonomika ta' PNC, kellu jitqies bħala provvista ta' servizz taxxabbli u ma kienx jibbenefika minn ebda eżenzjoni prevista fl-Artikolu 9 tal-Kodiċi tal-VAT. B'mod partikolari, hija qieset li t-tranżazzjoni kkonċernata ma kinitx taqa' taħt l-eżenzjoni prevista fil-punt 27(a) tal-Artikolu 9, għat-tranżazzjonijiet bankarji u finanzjarji ta' għoti u negozjar ta' krediti.

22. PNC appellat minn din is-sentenza quddiem is-Supremo Tribunal Administrativo (il-Qorti Amministrattiva Suprema), billi argumentat prinċipalment li l-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 9(27)(a) tal-Kodiċi tal-VAT hija applikabbli għat-tranżazzjonijiet ta' trasferiment ta' dejn anki meta dawn jitwettqu minn entitajiet oħra li ma humiex istituzzjonijiet finanzjarji. F'dan ir-rigward, hija bbażat ruħha fuq il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar id-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni trasposta fid-dritt Portugiż, jiġifieri l-Artikolu 13B(d)(1) tas-Sitt Direttiva, li saret l-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112 [12].

23. F'dan il-kuntest, permezz ta' deċiżjoni tat-8 ta' Novembru 2017 li waslet għand il-Qorti tal-Ġustizzja fil-11 ta' Diċembru 2017, is-Supremo Tribunal Administrativo (il-Qorti Amministrattiva Suprema) iddeċidiet li tissospendi l-proċeduri quddiemha u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domanda preliminari li ġejja:

"It-trasferiment, taħt titolu oneruż, minn persuna suġġetta għall-VAT lil terza persuna, tal-pożizzjoni proċesswali li għandha f'azzjoni eżekuttiva għall-irkupru ta' kreditu [dejn] rrikonoxxut minn deċiżjoni ġudizzjarja bħala li jirriżulta mill-ksur ta' kuntratt ta' aġenzija ta' proprjetà immobbli, flimkien mal-VAT bir-rata fis-seħħ fid-data tal-ħlas flimkien mal-interessi moratorji dovuti jew li jistgħu jsiru dovuti sa ma jsir il-ħlas komplet, jaqa' taħt il-kunċett ta' 'għoti', 'negozjar' jew 'immaniġġjar' [ta' krediti] għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-eżenzjoni prevista fl-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112?"

24. Ġew ippreżentati osservazzjonijiet bil-miktub minn PNC, mill-Gvern Portugiż u mill-Kummissjoni Ewropea. Waqt is-seduta tas-7 ta' Frar 2019, dawn tal-aħħar kollha ppreżentaw osservazzjonijiet orali.

10 VAT ikkalkolata kif ġej: EUR 351 619.90 (prezz imħallas minn Starplant) x 21 %.

11 Nenfasizza li l-kawża prinċipali tirrigwarda biss it-tassazzjoni tat-trasferiment imwettaq fid-29 ta' Settembru 2010, u mhux it-tassazzjoni tal-kummissjoni miġbura minn PNC fir-rigward tas-servizz ta' aġent immobiljarju li hija pprovdiet lill-klijenta tagħha.

12 PNC tirreferi għas-sentenzi tal-15 ta' Ġunju 1989, Stichting Uitvoering Financiële Acties (348/87, EU:C:1989:246); tas-27 ta' Ottubru 1993, Muys' en De Winter's Bouw- en Aannemingsbedrijf (C-281/91, EU:C:1993:855), kif ukoll tal-21 ta' Ġunju 2007, Ludwig (C-453/05, EU:C:2007:369).

## IV. Analiżi

25. Fid-dawl tal-approċċ tas-soltu fil-qasam tal-VAT u fid-dawl tal-punti mqajma fid-dibattitu għal dak li jirrigwarda l-partikolarità tat-tranżazzjoni ta' trasferiment li huwa s-suġġett tal-kawża prinċipali, jidhirli li huwa indispensabbli li jsiru preliminarjament kunsiderazzjonijiet dwar il-klassifikazzjoni ta' din it-tranżazzjoni sabiex jiżguraw l-issuġġettar tagħha għall-VAT (Taqsima A), qabel nirrispondi għad-domanda dwar jekk hija tistax taqa' taħt l-eżenzjonijiet previsti fl-Artikolu 135(1)(b) u (d) tad-Direttiva 2006/112 (Taqsima B).

### *A. Fuq l-issuġġettar għall-VAT ta' tranżazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali*

26. Anki jekk il-qorti tar-rinviju donnha titlaq mill-premessa li t-tranżazzjoni inkwistjoni hija suġġetta għall-VAT, id-dibattiti li saru quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja juru li huwa possibbli li wieħed jistaqsi mhux biss dwar in-natura partikolari ta' tali tranżazzjoni (Subtaqsima 1), iżda wkoll dwar l-attività ekonomika tal-persuna taxxabbli kkonċernata (Subtaqsima 2), filwaqt li qabelxejn jitfakkar li hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddeċiedi dwar l-interpretazzjoni tad-dispożizzjonijiet rilevanti tad-dritt tal-Unjoni billi tipprovdi lill-qorti tar-rinviju l-elementi neċessarji kollha sabiex tiddeċiedi l-kawża prinċipali u li huma biss l-qrati nazzjonali li għandhom jagħmlu l-evalwazzjonijiet ta' natura fattwali [13].

#### *1. Fuq in-natura tat-tranżazzjoni kkonċernata*

27. Sabiex topponi għat-tassazzjoni tat-tranżazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, PNC targumenta li dan huwa trasferiment ta' dejn li ma huwiex kopert mill-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 2006/112, kif inhu stabbilit, b'mod partikolari, fil-punti (a) u (ċ) tal-Artikolu 2(1) tagħha, liema punti jsemmu l-kunsinna ta' oġġetti u l-provvista ta' servizzi, fis-sens tal-Artikolu 14(1) u tal-Artikolu 24(1) ta' din id-direttiva rispettivament.

28. Min-naħa l-oħra, il-Gvern Portugiż isostni li din it-tranżazzjoni hija suġġetta għall-VAT, billi jfakkar li l-amministrazzjoni fiskali Portugiża qieset li hija tikkostitwixxi provvista ta' servizzi unika [14] u billi jindika li, fin-nuqqas, hija għandha tiġi kklassifikata bħala kunsinna ta' oġġett korporali. Waqt is-seduta, il-Kummissjoni mmilitat favur l-eżistenza ta' żewġ provvisti ta' servizzi taxxabbli, l-ewwel waħda relatata mat-trasferiment tad-dejn dovut lil PNC u t-tieni waħda relatata mat-trasferiment tal-pożizzjoni proċedurali ta' din il-kumpannija [15].

29. Min-naħa tiegħi, inqis li t-tranżazzjoni kontenzjuża għandha natura kumplessa iżda unitarja u li tikkostitwixxi kunsinna ta' proprjetà immobbli, b'tali mod li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-VAT, mingħajr preġudizzju għall-applikazzjoni eventwali tar-regoli ta' eżenzjoni li jirrigwardaw tali proprjetà [16], u dan għar-raġunijiet li ġejjin.

13 Skont ġurisprudenza stabbilita, fil-kuntest ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha l-fakultà li tipprovdi lill-qrati nazzjonali l-indikazzjonijiet neċessarji kollha li hija tqies neċessarji sabiex tiddeċiedi l-kawża prinċipali, iżda huma biss dawn il-qrati li għandhom jivverifikaw li l-kundizzjonijiet fattwali li jwasslu għall-applikazzjoni ta' regola tal-Unjoni huma ssodisfatti fil-kawża pendenti quddiemhom u jnisslu l-konklużjonijiet minnhom għall-finijiet tad-deċiżjoni li huma mitluba jagħtu (ara b'mod partikolari, is-sentenzi tal-5 ta' Ġunju 2014, Mahdi, C-146/14 PPU, EU:C:2014:1320, punti 78 sa 80, kif ukoll tas-7 ta' Awwissu 2018, Prenninger *et*, C-329/17, EU:C:2018:640, punt 27).

14 Ara wkoll il-punt 19 ta' dawn il-konklużjonijiet.

15 Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, il-Kummissjoni kienet qieset li t-tranżazzjoni kontenzjuża tikkostitwixxi trasferiment ta' dejn bi ħlas li taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tal-VAT, iżda hija bidlet il-pożizzjoni tagħha wara li saret taf bil-fatti li rriżultaw waqt id-dibattiti li seħħew quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja.

16 Fuq l-eżenzjonijiet li jirrigwardaw il-proprjetà immobbli, ara l-punt 51 ta' dawn il-konklużjonijiet.

30. *Fl-ewwel lok*, ninnota li PNC tipprevalixxi ruħha prinċipalment mis-*sentenza GFKL Financial Services*[17], sabiex issostni li t-trasferimenti ta' dejn li jimplikaw trasferiment definittiv tad-drittijiet kollha li jirriżultaw mid-dejn ikkonċernat, kif inhu l-każ fil-kawża prinċipali, ma jaqgħux fil-kamp ta' applikazzjoni tal-VAT. F'din is-sentenza, il-Qorti tal-Ġustizzja interpretat l-Artikolu 2(1) tas-Sitt Direttiva, li jikkorrispondi għall-Artikolu 2(1)(a) u (ċ) tad-Direttiva 2006/112, fis-sens li "operatur li jixtri, b'riskju għalih, dejn dubjuż bi prezz inqas mill-valur nominali tiegħu ma jipprovdix servizz bi ħlas […] meta d-differenza bejn il-valur nominali tal-imsemmi dejn u l-prezz ta' xiri tiegħu tirrifletti l-valur ekonomiku effettiv tad-dejn inkwistjoni fil-mument tal-assenjazzjoni tiegħu".

31. F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jiġi kkonstatat, kif jagħmel il-Gvern Portugiż, li ċ-ċirkustanzi ta' din il-kawża huma ferm differenti minn dawk li taw lok għall-imsemmija sentenza. Fil-fatt, minn naħa, f'din il-kawża hija kwistjoni mhux tal-akkwist ta' dejn mill-persuna taxxabbli kkonċernata, jiġifieri PNC, iżda għall-kuntrarju ta' trasferiment ta' drittijiet ta' natura oħra mwettaq minn din il-persuna taxxabbli[18]. Min-naħa l-oħra, ma jistax jitqies li din il-kawża tirrigwarda dejn dubjuż u li t-tranżazzjoni twettqet b'riskju għax-xerrej, jiġifieri Starplant, peress li fil-mument tat-trasferiment, id-dejn dovut lil PNC kien diġà ġie rrikonoxxut minn deċiżjoni ġudizzjarja, kemm fil-prinċipju tiegħu kif ukoll fl-ammont tiegħu, u r-riskju ta' nuqqasijiet tad-debitriċi kien ġie eskluż, bis-saħħa tal-proċedura ta' eżekuzzjoni forzata li kienet kważi waslet fit-tmiem tagħha[19]. Finalment, jidhirli li f'dan il-każ, il-prezz tax-xiri ma huwiex inqas iżda iktar mill-valur nominali tad-dejn u tar-rikors għal eżekuzzjoni marbut miegħu, anki jekk il-formulazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju titfa' dubju dwar dan[20].

32. *Fit-tieni lok*, infakkar li skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-applikazzjoni tas-sistema komuni tal-VAT ma tiddependix fuq il-volontà espressa mill-partijiet fit-tranżazzjoni kontenzjuża, u b'mod partikolari mill-isem li huma għażlu, iżda fuq *kriterji oġġettivi* speċifiċi għad-dritt tal-Unjoni, li jirrigwardaw b'mod partikolari t-teħid inkunsiderazzjoni tar-*realtà ekonomika u kummerċjali*, li għandha tiġi evalwata fid-dawl taċ-ċirkustanzi rilevanti kollha[21].

33. F'dan il-każ, il-fatt li l-ftehim konkluż bejn PNC u Starplant kien imsejjaħ minnhom bħala "cessão de crédito", espressjoni li tista' tiġi tradotta għal "trasferiment ta' dejn"[22], ma jistax ikun fattur determinanti. Għall-kuntrarju, iċ-ċirkustanzi li fihom twettqet it-tranżazzjoni kontenzjuża u r-realtà ekonomika li dawn jirriflettu jwassluni sabiex inqis li l-għan ewlieni ta' din it-tranżazzjoni huwa kkostitwiet mit-trasferiment tad-drittijiet u tal-obbligi relatati mal-proprjetà immobbli li kienet aġġudikata liċ-ċedent, jiġifieri PNC, bħala ħlas tad-dejn dovut lilha diġà rrikonoxxut minn sentenza li saret definittiva.

34. Fil-fatt, minn naħa, kif tindika l-formulazzjoni tad-domanda preliminari, it-tranżazzjoni kontenzjuża tirrigwarda t-trasferiment ta' pożizzjoni proċedurali, u mhux ta' dejn. F'dan ir-rigward, nirrileva li fil-prattika d-dejn ġie saldat waqt l-aġġudikazzjoni favur PNC tal-proprjetà immobbli li tappartjeni lid-debitriċi tagħha u li t-trasferiment seħħ wara din l-aġġudikazzjoni, anki jekk id-deċiżjoni li ordnat dan kisbet biss l-awtorità ta' *res judicata* l-għada tal-iffirmar tal-ftehim. Din

17 Sentenza tas-27 ta' Ottubru 2011 (C-93/10, EU:C:2011:700).

18 Infakkar li PNC biegħet il-pożizzjoni tagħha fi proċedura intiża għall-irkupru forzat tad-dejn dovut lilha. Ser nindirizza l-klassifikazzjoni ta' dan it-trasferiment iktar 'il quddiem (ara l-punti 33 *et seq*).

19 Skont l-osservazzjonijiet ippreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, it-trasferiment seħħ preċiżament il-ġurnata ta' qabel dik li fiha s-sentenza li aġġudikat il-proprjetà immobbli, maqbud favur PNC, saret definittiva. Għalhekk, il-probabbiltà li d-debitriċi tappella minn din is-sentenza wisq probabbli kienet tidher żgħira, b'tali mod li l-partijiet fil-ftehim ta' trasferiment setgħu jippjanaw it-termini tal-ftehim tagħhom abbażi tal-preżunzjoni li ma kienx hemm appell.

20 Skont din id-deċiżjoni, "iċ-ċedent [kien] irċieva mingħand iċ-ċessjonarju, bħala korrispettiv għat-trasferiment, ammont inqas minn dak li huwa s-suġġett tar-rikors". Jekk din il-formola tal-aħħar għandha tinftiehem fis-sens li t-trasferiment twettaq għal prezz inqas mill-valur tad-dejn li huwa s-suġġett tar-rikors għal eżekuzzjoni forzata, jidhirli li din id-dikjarazzjoni hija żbaljata, fid-dawl tal-fatti fuq imsemmija (ara l-punti 15 u 17), li minnhom donnu jirriżulta li l-valur tad-drittijiet u tal-obbligi fuq il-proprjetà immobbli li ġew ittrasferiti minn PNC huwa ikbar mill-prezz imħallas minn Starplant.

21 Ara b'mod partikolari, is-sentenzi tat-12 ta' Lulju 2012, J.J. Komen en Zonen Beheer Heerhugowaard (C-326/11, EU:C:2012:461 punt 33); tat-22 ta' Frar 2018, T-2 (C-396/16, EU:C:2018:109, punt 43); tat-22 ta' Novembru 2018, MEO – Serviços de Comunicações e Multimédia (C-295/17, EU:C:2018:942, punt 43), kif ukoll tal-10 ta' Jannar 2019, A (C-410/17, EU:C:2019:12, punt 47).

22 Fuq il-problemi lingwistiċi marbuta mal-użu tat-terminu "dejn", ara l-punt 49 ta' dawn il-konklużjonijiet.

l-analiżi hija kkonfermata mill-ammont għoli tal-prezz li Starplant aċċettat li tħallas sabiex tikseb id-drittijiet marbuta ma' din il-pożizzjoni proċedurali (EUR 351 619.90)[23], u, barra minn hekk, donnu flimkien mal-obbligu li tirrimborsa l-eċċess li PNC kellha tħallas lura lill-aġenzija ta' eżekuzzjoni (EUR 417 937.12)[24], jiġifieri ammont ta' total ta' iktar minn EUR 769 000, jekk minix sejjer żball[25]. Barra minn hekk, ninnota li PNC ħallset spontanjament il-VAT fuq id-dejn dovut lilha flimkien mal-interessi, li kien irrikonoxxut ġudizzjarjament, u li l-kawża prinċipali ma tirrigwardax din il-parti[26].

35. Min-naħa l-oħra, bħall-Gvern Portugiż, inqis li wara l-aġġudikazzjoni ġudizzjarja li minnha bbenefikat PNC, din tal-aħħar ittrasferit lil Starplant, bi ħlas, il-pożizzjoni proċedurali tagħha inkluż l-effetti kollha tagħha, kemm attivi kif ukoll passivi, marbuta magħha, b'tali mod li hija ttrasferiet numru ta' drittijiet u obbligi interkonnessi, u dan b'mod unitarju u globali. Kif fakkret il-Qorti tal-Ġustizzja diversi drabi, it-tranżazzjoni kkostitwita minn entità unika mill-perspettiva ekonomika, fid-dawl tal-elementi karatteristiċi tagħha kif riflessi mill-għan tagħha u mill-interessi tad-destinatarji tagħha, ma għandhiex tiġi diviża b'mod artifiċjali sabiex ma tinbidilx il-funzjonalità tas-sistema tal-VAT[27]. Għalhekk, ma naqbilx mal-opinjoni tal-Kummissjoni li t-tranżazzjoni kontenzjuża għandha tinqasam f'żewġ partijiet distinti, peress li nfakkar li, għar-raġunijiet imsemmija iktar 'il fuq, inqis li din it-tranżazzjoni ma tirrigwardax trasferiment ta' dejn.

36. Finalment, jidhirli li, fost id-diversi elementi li tinkludi t-tranżazzjoni kontenzjuża, l-element essenzjali li fil-fehma tiegħi wassal lil Starplant taċċetta t-termini tal-ftehim konkluż ma' PNC u b'mod partikolari l-prezz imħallas, jinsab fil-fatt li din tal-aħħar ittrasferitilha s-setgħa li tittrasferixxi oġġett korporali, jiġifieri l-proprjetà immobbli li kienet aġġudikata lilha, daqs li kieku kienet il-proprjetarja tagħha, li jikkorrispondi eżattament għad-definizzjoni ta' kunsinna ta' oġġetti li tinsab fl-Artikolu 14(1) tad-Direttiva 2006/112[28]. Barra minn hekk, jidhirli li ma jistax jiġi injorat li, kif huwa indikat fid-domanda preliminari, it-trasferiment tal-pożizzjoni proċedurali ta' PNC twettqet bi ħlas, skont l-Artikolu 2(1)(a) tal-imsemmija direttiva, peress li l-prezz riċevut minn PNC huwa l-korrispettiv effettiv tad-drittijiet fuq il-proprjetà immobbli ttrasferiti lil Starplant[29].

37. Sussidjarjament, nosserva li anki jekk ma tiġix adottata l-klassifikazzjoni ta' kunsinna ta' oġġetti, xorta jibqa' l-fatt li t-tranżazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha, min-natura tagħha, tkun potenzjalment suġġetta għall-VAT. Fil-fatt, jekk ikun il-każ, hija għandha taqa' taħt il-kunċett ta' provvista ta' servizzi, fis-sens tal-Artikolu 24(1) tad-Direttiva 2006/112, li jinkludi kull tranżazzjoni li ma tikkostitwixxix kunsinna ta' oġġetti. B'mod iktar preċiż, kif invokat mill-Gvern Portugiż u

23 Filwaqt li fl-iskema klassika ta' trasferiment ta' dejn, iċ-ċedent jikseb ġeneralment prezz inqas għall-valur tad-dejn tiegħu, għaliex iċ-ċessjonarju jassumi r-riskju inerenti għalih (ara wkoll il-punti 30 u 31 ta' dawn il-konklużjonijiet).

24 Waqt is-seduta, PNC indikat li Starplant kienet ser tassumi l-ħlas ta' dan l-aħħar ammont, skont il-ftehim tagħhom, peress li hija ma kellhiex il-fondi neċessarji għal dan.

25 L-oneru aċċettat minn Starplant huwa, fil-fehma tiegħi, riflessjoni tal-valur reali tal-proprjetà immobbli li kienet aġġudikata favur PNC (ara n-nota ta' qiegħ il-paġna 7 ta' dawn il-konklużjonijiet), li tindika l-possibbiltà ta' bejgħ mill-ġdid bi prezz vantaġġjuż.

26 Ara l-punti 18 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

27 Ara b'mod partikolari, is-sentenzi tal-10 ta' Marzu 2011, Bog *et* (C-497/09, C-499/09, C-501/09 u C-502/09, EU:C:2011:135, punti 53 *et seq*); tat-18 ta' Ottubru 2018, Volkswagen Financial Services (UK) (C-153/17, EU:C:2018:845, punti 30 *et seq*), kif ukoll tat-28 ta' Frar 2019, Sequeira Mesquita (C-278/18, EU:C:2019:160, punti 30 *et seq*).

28 Hija ġurisprudenza stabbilita li l-kunċett ta' "kunsinna ta' oġġetti" previst minn din id-dispożizzjoni ma jirreferix għat-trasferiment ta' proprjetà mwettaq fil-forom previsti mid-dritt nazzjonali applikabbli, iżda tinkludi kull tranżazzjoni ta' trasferiment ta' oġġett korporali minn parti li tawtorizza lill-parti l-oħra tiddisponi minnu bħallikieku kienet il-proprjetarja ta' dan l-oġġett (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tat-8 ta' Frar 1990, Shipping and Forwarding Enterprise Safe, C-320/88, EU:C:1990:61, punti 7 sa 9; tat-3 ta' Settembru 2015, Fast Bunkering Klaipėda, C-526/13, EU:C:2015:536, punt 51, kif ukoll tad-19 ta' Diċembru 2018, AREX CZ, C-414/17, EU:C:2018:1027, punt 75).

29 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li kunsinna ta' oġġetti titwettaq "bi ħlas" fis-sens tal-imsemmi punt (a), meta teżisti rabta diretta bejn l-oġġett ikkunsinnat u l-korrispettiv riċevut, fejn il-prezz riċevut mill-fornitur jikkostitwixxi l-korrispettiv effettiv tal-oġġett ipprovdut mix-xerrej (ara b'mod partikolari, is-sentenzi tal-21 ta' Novembru 2013, Dixons Retail, C-494/12, EU:C:2013:758, pun 32; tal-11 ta' Mejju 2017, Posnania Investment, C-36/16, EU:C:2017:361, punt 31, kif ukoll tat-13 ta' Ġunju 2018, Gmina Wrocław, C-665/16, EU:C:2018:431, punt 43).

l-Kummissjoni, it-tranżazzjoni kontenzjuża tista' tikkostitwixxi provvista ta' servizz li tikkonsisti fit-trasferiment ta' oġġett mhux korporali, fis-sens tal-Artikolu 25 tal-imsemmija direttiva. Barra minn hekk, f'dan il-każ lanqas ma jista' jiġi injorat li t-trasferiment inkwistjoni twettaq bi ħlas, skont l-Artikolu 2(1)(ċ) ta' din l-istess direttiva, peress li dan seħħ inkambju għal remunerazzjoni [30].

38. Għaldaqstant, inqis li ħlief f'każ ta' żball magħmul fl-analiżi tal-fatti kif premessi – li għandu jiġi evalwat mill-qrati nazzjonali – tranżazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali għandha tiġi kklassifikata bħala kunsinna ta' oġġett bi ħlas, fis-sens tal-Artikolu 2(1)(a) tad-Direttiva 2006/112, u fi kwalunkwe każ, titqies bħala potenzjalment suġġetta għall-VAT skont l-imsemmi Artikolu 2.

*2. Fuq l-attività ekonomika tal-persuna taxxabbli kkonċernata*

39. Barra minn hekk, PNC tippretendi, essenzjalment, li f'kuntest bħal dak tal-kawża prinċipali, ma jistax jitqies li ċ-ċedent aġixxa fil-kuntest tal-"attività ekonomika" tiegħu fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2006/112. Hija targumenta li l-intervent fit-tranżazzjoni tat-trasferiment inkwistjoni kien biss ta' darba, peress li normalment hija ma teżerċitax attività relatata ma' tranżazzjonijiet ta' dejn, iżda attività ta' provvista ta' servizzi ta' aġenzija immobiljarja. Kemm il-Gvern Portugiż kif ukoll il-Kummissjoni jirrifjutaw dan l-argument. Jiena naqbel ma' din l-aħħar opinjoni.

40. F'dan ir-rigward, inqis li irrispettivament mill-klassifikazzjoni li ser tingħata lit-tranżazzjoni kontenzjuża, PNC kellha l-kwalità ta' "persuna taxxabbli" li għandha tħallas il-VAT u li taġixxi "bħala tali", kif teħtieġ id-Direttiva 2006/112 [31], peress li l-persuna kkonċernata wettqet din it-tranżazzjoni fil-kuntest tal-attività taxxabbli tagħha [32].

41. Fil-fatt, kif il-Kummissjoni indikat waqt is-seduta, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li persuna diġà suġġetta għall-VAT, fir-rigward tal-attivitajiet tas-soltu tagħha, għandha titqies bħala persuna taxxabbli għal kull attività ekonomika oħra eżerċitata b'mod okkażjonali, bil-kundizzjoni li din tal-aħħar tikkostitwixxi attività fis-sens tat-tieni subparagrafu tal-Artikolu 9(1) tad-Direttiva 2006/112 [33]. Għalhekk, fil-fehma tiegħi, huwa irrilevanti li PNC wettqet it-tranżazzjoni kontenzjuża b'mod eċċezzjonali biss, sakemm din tkun marbuta mill-qrib mal-attività ekonomika li l-persuna taxxabbli teżerċita prinċipalment.

42. Issa, bħall-Gvern Portugiż u l-Kummissjoni, inqis li t-trasferiment inkwistjoni fil-kawża prinċipali jaqa' effettivament f'estensjoni diretta tal-attività ta' PNC li tikkonsisti fil-provvista ta' servizzi ta' aġenzija immobiljarja, peress li dan it-trasferiment għandu l-għan li jissostitwixxi pożizzjoni fi proċedura intiża għall-irkupru ta' dejn li tnissel minn kuntratt konkluż fil-kuntest tal-attività ekonomika taxxabbli tagħha [34]. Għalhekk, it-tranżazzjoni kkonċernata taqa', fil-fehma tiegħi, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-VAT [35].

30 Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li provvista ta' servizz titwettaq "bi ħlas" fis-sens tal-imsemmi punt (ċ) meta teżisti rabta bejn is-servizz ipprovdut u l-korrispettiv riċevut, fejn ir-remunerazzjoni li jirċievi l-prestatarju tkun il-korrispettiv effettiv tas-servizz mogħti lill-benefiċjarju (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-29 ta' Ottubru 2015, Saudaçor, C-174/14, EU:C:2015:733, punt 32, kif ukoll tal-5 ta' Lulju 2018, Marcandi, C-544/16, EU:C:2018:540, punti 36 u 37).

31 B'mod partikolari, l-Artikolu 2(1)(a) u (ċ) u l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu9(1) tagħha.

32 Pereżempju, għall-kuntrarju, b'mod partikolari għall-każ fejn persuna taxxabbli twettaq tranżazzjoni fi kwalità privata (ara b'mod partikolari, is-sentenzi tal-4 ta' Ottubru 1995, Armbrecht, C-291/92, EU:C:1995:304, punti 16 *et seq*, kif ukoll tad-9 ta' Lulju 2015, Trgovina Prizma, C-331/14, EU:C:2015:456, punti 18 *et seq*).

33 Ara s-sentenza tat-13 ta' Ġunju 2013, Kostov (C-62/12, EU:C:2013:391, punti 27 *et seq*), kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-kawża Posnania Investment (C-36/16, EU:C:2017:134, punti 33 *et seq*), fejn ġustament ġie enfasizzat li, fil-każ konkret li ta' lok għall-imsemmija sentenza, kienet teżisti rabta mill-qrib bejn l-attività sekondarja tal-persuna kkonċernata u l-attività prinċipali tagħha suġġetta għall-VAT.

34 Il-Gvern Portugiż argumenta, b'mod iktar preċiż, li r-rabta diretta ma' din l-attività għandha titqies miksuba "għaliex fil-ġenesi ta' kawżi għal dikjarazzjoni u għall-eżekuzzjoni, kuntratt jiġi kkonsmat fil-kuntest tal-attività ekonomika ta' [PNC], jew għaliex hija [PNC] li bbenefikat minn drittijiet u li kellha obbligi imposti ġudizzjarjament fil-kuntest tal-azzjoni għall-eżekuzzjoni, jew għaliex hija [PNC] li f'isimha u għan-nom tagħha stess, ikkonkludiet il-kuntratt li ta' lok għat-trasferiment bi ħlas lil terza persuna tal-faxxa ta' drittijiet u obbligi iċċitati iktar 'il fuq".

35 Ara b'analoġija, is-sentenza tat-12 ta' Jannar 2006, Optigen *et* (C-354/03, C-355/03 u C-484/03, EU:C:2006:16, punti 42 *et seq*), kif ukoll tat-8 ta' Novembru 2018, C&D Foods Acquisition (C-502/17, EU:C:2018:888, punti 35 *et seq*).

43. Huwa fid-dawl ta' dawn l-elementi ta' interpretazzjoni tar-regoli rilevanti tad-dritt tal-Unjoni, u mingħajr ħsara għall-verifika tal-elementi konkreti tal-kawża prinċipali li l-qorti tar-rinviju għandha tikklassifika t-tranżazzjoni inkwistjoni sabiex tikkonferma l-issuġġettar potenzjali tagħha għall-VAT, qabel ma tiddetermina s-sistema ta' eżenzjoni eventwalment applikabbli għal din it-tranżazzjoni.

44. Fid-dawl tal-klassifikazzjoni li jidhirli li hija l-iktar xierqa, li l-qorti tar-rinviju adottat għat-tranżazzjoni kkonċernata, jiġifieri dik ta' kunsinna ta' proprjetà immobbli, jidhirli li l-probabbiltà li l-eżenzjonijiet previsti fl-Artikolu 135(1)(b) u (d) tad-Direttiva 2006/112 jistgħu japplikaw f'dan il-każ hija żgħira. Madankollu, sabiex inkun eżawrjenti, ser nippreżenta xi osservazzjonijiet f'dan ir-rigward, sabiex tingħata risposta għad-domanda magħmula u sabiex jiġi kopert il-każ fejn il-klassifikazzjoni hawn proposta tiġi eskluża sabiex tingħata klassifikazzjoni bħala provvista ta' servizz, li jidhirli hija l-premessa sostnuta mill-qorti tar-rinviju sabiex tagħmel id-domanda preliminari tagħha.

### *B. Fuq l-eżenzjonijiet previsti fl-Artikolu 135(1)(b) u (d) tad-Direttiva 2006/112*

45. Qabel ma nipproċedi bl-interpretazzjoni kemm tal-punt (b) kif ukoll tal-punt (d) tal-Artikolu 135(1) tad-Direttiva 2006/112 (subtaqsima 3 u subtaqsima 4 rispettivament), ser nindika qabel kollox ir-raġunijiet li għalihom inqis neċessarju li jiġu eżaminati dawn iż-żewġ dispożizzjonijiet (subtaqsima 1), imbagħad ser infakkar it-tagħlimiet prinċipali diġà pprovduti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward (subtaqsima 2).

#### *1. Fuq l-estensjoni neċessarja tal-portata tar-risposta li ser tagħti l-Qorti tal-Ġustizzja*

46. Fuq pjan formali, jista' jiġi kkonstatat li d-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju ssemmi *biss* l-eżenzjoni mill-VAT prevista fil-*punt (b)* tal-Artikolu 135(1) tad-Direttiva 2006/112, li jipprovdi eżenzjoni mill-VAT ta' tranżazzjonijiet ta' "għoti", ta' "negozjar" jew ta' "immaniġġjar" ta' "krediti". Mid-deċiżjoni tar-rinviju jirriżulta li l-formulazzjoni ta' din id-domanda hija riflessjoni pura tal-bażi legali invokata minn PNC fl-appell tagħha [36]. Madankollu, tali ċirkustanzi ma jostakolawx li f'din il-kawża jiġu interpretati dispożizzjonijiet oħra tal-imsemmija direttiva.

47. Fil-fatt, skont ġurisprudenza stabbilita, sabiex tagħti risposta utli lill-qorti tar-rinviju, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tieħu inkunsiderazzjoni regoli tad-dritt tal-Unjoni li għalihom din il-qorti ma tkunx għamlet riferiment fid-domanda tagħha. F'dan ir-rigward, hija l-Qorti tal-Ġustizzja li għandha tiddeduċi, mill-elementi kollha prodotti mill-qrati nazzjonali, u b'mod partikolari mill-motivazzjoni tad-deċiżjoni tar-rinviju, l-elementi tad-dritt tal-Unjoni li jeħtieġu interpretazzjoni fid-dawl tas-suġġett tal-kawża [37].

48. F'dan il-każ, fid-dawl tal-oriġini tal-kawża prinċipali, li huwa marbut ma' rikors intiż għall-eżekuzzjoni forzata ta' dejn, jiena tal-opinjoni, bħall-Kummissjoni [38], li l-Qorti tal-Ġustizzja għandha tinterpreta mhux biss il-punt (b) tal-Artikolu 135(1) tad-Direttiva 2006/112, li huwa msemmi fid-domanda preliminari, iżda *wkoll il-punt (d)* ta' dan l-istess paragrafu 1, peress li nfakkar li dan l-aħħar punt jipprovdi eżenzjoni mill-VAT ta' tranżazzjonijiet relatati mad-"djun".

36 Ara l-punt 22 ta' dawn il-konklużjonijiet.

37 Ara b'mod partikolari, is-sentenzi tat-22 ta' Ottubru 2015, Impresa Edilux u SICEF (C-425/14, EU:C:2015:721, punt 20), kif ukoll tad-19 ta' Diċembru 2018, AREX CZ (C-414/17, EU:C:2018:1027, punti 34 u 35).

38 Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom, PNC u l-Gvern Portugiż irrispondew għad-domanda preliminari mill-perspettiva tal-punt (b) tal-Artikolu 135(1) tad-Direttiva 2006/112 biss. Madankollu, waqt is-seduta huma kienu mistiedna mill-Qorti tal-Ġustizzja, jieħdu pożizzjoni dwar l-opinjoni tal-Kummissjoni li tranżazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tista' taqa' pjuttost taħt l-eżenzjoni tal-punt (d) tal-imsemmi paragrafu 1.

49. F'dan is-sens, il-Kummissjoni tirrileva, fil-fehma tiegħi ġustament, li l-perspettiva tal-qorti tar-rinviju li l-punt (b) ta' dan l-Artikolu 135(1) huwa d-dispożizzjoni potenzjalment applikabbli f'dan il-każ, tista' tiġi spjegata mill-formulazzjoni tal-imsemmi paragrafu 1 fil-verżjoni Portugiża [39]. Fil-fatt, filwaqt li l-maġġoranza tal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra jiddistingwu b'mod ċar il-"krediti", imsemmija fil-punt (b) ta' dan il-paragrafu, u d-"djun" imsemmija fil-punt (d), il-verżjoni Portugiża tuża l-kelma "créditos" kemm fil-punt (b) kif ukoll fil-punt (d), li jista' jkun li ħoloq ċerta konfużjoni fir-rigward tal-bażi legali li tista' tkun rilevanti fir-rigward tal-kawża prinċipali [40].

50. Għalhekk, anki jekk il-qorti tar-rinviju llimitat id-domanda preliminari tagħha għall-interpretazzjoni tal-punt (b) tal-Artikolu 135(1) tad-Direttiva 2006/112, fil-fehma tiegħi, huwa rilevanti li jiġi interpretat ukoll il-punt (d) ta' dan il-paragrafu 1, sabiex jiġi ddeterminat jekk tranżazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali tistax tkun koperta minn waħda minn dawn id-dispożizzjonijiet, u dan fid-dawl tat-tagħlimiet ipprovduti mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja eżistenti f'dan ir-rigward.

51. Ninnota li fil-każ li t-tranżazzjoni inkwistjoni tiġi kklassifikata bħala kunsinna ta' proprjetà immobbli, kif nipproponi jien, ikun possibbli li wieħed jistaqsi jekk il-punti (j) u (k) tal-imsemmi Artikolu 135(1), li jirrigwardaw il-provvisti "ta' bini […] u ta' l-art li fuqha hija tinsab" u "ta' art li ma nbnietx" rispettivament [41], jistgħux japplikaw f'dan il-każ, b'tali mod li din it-tranżazzjoni tiġi eżentata mill-VAT, kif ikun ġeneralment il-każ f'dan il-qasam [42]. Barra minn hekk, PNC semmiet dawn id-dispożizzjonijiet kemm fl-appell tagħha quddiem il-qorti tar-rinviju kif ukoll fl-osservazzjonijiet tagħha quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja. Madankollu, fid-dawl tas-sustanza tad-domanda magħmula mill-qorti tar-rinviju u tal-indikazzjonijiet limitati li jinsabu fid-deċiżjoni tagħha fir-rigward tat-tip ta' proprjetà immobbli kkonċernata mit-trasferiment kontenzjuż, ma hinix ser nidħol fl-interpretazzjoni ta' dawn il-punti (j) u (k) [43].

### *2. Fuq l-acquis ġurisprudenzjali fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-Artikolu 135(1)(b) u (d) tad-Direttiva 2006/112*

52. Mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja f'dan il-qasam jirriżulta li fl-interpretazzjoni tal-punti (b) u (d) tal-Artikolu 135(1) tad-Direttiva 2006/112 għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni sensiela ta' regoli komuni għal dawn id-dispożizzjonijiet [44].

39 F'dan ir-rigward, infakkar li, sabiex tiġi interpretata dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, il-formulazzjoni użata f'waħda mill-verżjonijiet lingwistiċi tagħha ma tistax tingħata prijorità fil-konfront tal-oħrajn u li f'każ ta' nuqqas ta' qbil bejn id-diversi verżjonijiet għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni l-kuntest u l-iskop tal-leġiżlazzjoni li minnha tkun tagħmel parti din id-dispożizzjoni (ara b'mod partikolari, is-sentenzi tat-22 ta' Ottubru 2015, Hedqvist, C-264/14, EU:C:2015:718, punt 47, kif ukoll tal-25 ta' Ottubru 2018, Tänzer & Trasper, C-462/17, EU:C:2018:866, punt 20).

40 Il-Kummissjoni tesponi li, fil-verżjoni Portugiża tal-Artikolu 135(1) tad-Direttiva 2006/112, il-kelma "créditos" (bil-Franċiż "crédits") hija użata fil-punti (b) u (ċ), filwaqt li l-kliema "créditos" u "dívidas" (bil-Franċiż "créances") jinsabu flimkien fil-punt (d), li jista' jagħti l-impressjoni lid-destinatarji ta' din il-verżjoni li ż-żewġ termini huma ekwivalenti għall-finijiet ta' din id-direttiva. Għall-kuntrarju, fil-maġġoranza tal-verżjonijiet lingwistiċi l-oħra (bl-eċċezzjoni tal-verżjoni Taljana u dik Spanjola), it-terminu korrispondenti għall-kelma "créditos" jintuża fil-punti (b) u (ċ), filwaqt li huwa biss t-terminu korrispondenti għall-kelma "dívidas" li jintuża fil-punt (d).

41 Nippreċiża li l-imsemmija punti (j) u (k) jirriżervaw espressament il-każijiet partikolari previsti fil-punti (a) u (b) tal-Artikolu 12(1) tal-istess direttiva, jiġifieri "il–provvista, qabel l-ewwel okkupazzjoni, ta' bini jew parti minn bini u ta' l-art li fuqha jinstab il-bini" u "il-provvista ta' art għall-bini" rispettivament.

42 Fil-konklużjonijiet tiegħu fil-kawża Blasi (C-346/95, EU:C:1997:432, punt 15), l-Avukat Ġenerali Jacobs enfasizza li "[s]kont is-[Sitt] Direttiva, il-kunsinna u l-kera ta' proprjetajiet immobbli huma bħala prinċipju eżenti mill-VAT[, skont l-Artikolu13B(b), (g) u (h) tagħha, li jikkorrispondu għall-Artikolu 135(1)(j), (k) u (l) tad-Direttiva 2006/112]. Dawn l-eżenzjonijiet jirriflettu d-diffikultajiet partikolari li jeżistu għall-applikazzjoni tal-VAT għal tali proprjetajiet. Għall-kuntrarju ta' beni ordinarji, l-art ma hijiex riżultat ta' proċess ta' produzzjoni; barra minn hekk, ladarba mibni, il-bini jista' jibdel il-proprjetarju tiegħu diversi drabi matul il-ħajja tiegħu, ħafna drabi mingħajr ma jkun l-oġġett ta' attività ekonomika addizzjonali".

43 Dispożizzjonijiet li huma s-suġġett, b'mod partikolari, tas-sentenzi tas-17 ta' Jannar 2013, Woningstichting Maasdriel (C-543/11, EU:C:2013:20, punti 22 sa 36), u tat-13 ta' Ġunju 2018, Polfarmex (C-421/17, EU:C:2018:432, punt 43), kif ukoll tal-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Bobek fil-kawża KPC Herning (C-71/18, EU:C:2019:226, punti 23 *et seq*).

44 Nippreċiża li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja relatata mad-dispożizzjonijiet tas-Sitt Direttiva li għandhom kontenut ekwivalenti, jiġifieri l-Artikolu 13B(d)(1) sa (6) ta' din id-direttiva, hija rilevanti sabiex jiġi interpretat l-Artikolu 135(1)(b) sa (g) tad-Direttiva 2006/112 (ara s-sentenzi tas-26 ta' Mejju 2016, Bookit, C-607/14, EU:C:2016:355, punt 32, kif ukoll tas-26 ta' Mejju 2016, National Exhibition Centre, C-130/15, mhux ippubblikata, EU:C:2016:357, punt 27).

53. *L-ewwel nett*, huwa stabbilit li l-eżenzjonijiet kollha previsti fl-Artikolu 135(1) ta' din id-direttiva jikkostitwixxu *kunċetti awtonomi* tad-dritt tal-Unjoni li għandhom l-għan li jevitaw diverġenzi fl-applikazzjoni tas-sistema tal-VAT minn Stat Membru għal ieħor u li għandhom jiġu interpretati b'mod uniformi, fid-dawl tal-kuntest ġenerali u tal-għanijiet tas-sistema komuni tal-VAT [45]. Minn dan jirriżulta li tranżazzjoni tista' tkun is-suġġett tal-imsemmija eżenzjonijiet irrispettivament mill-klassifikazzjoni li din it-tranżazzjoni għandha fid-dawl tad-dritt ta' Stat Membru u jkun x'ikun l-isem li l-partijiet jagħtu lil din it-tranżazzjoni.

54. *It-tieni nett*, il-Qorti tal-Ġustizzja fakkret diversi drabi li termini użati sabiex jindikaw l-eżenzjonijiet previsti fl-imsemmi Artikolu 135(1) għandhom jiġu *interpretati b'mod ristrett*, peress li dawn jikkostitwixxu derogi għall-prinċipju ġenerali li jipprevedi li l-VAT tinġabar fuq kull kunsinna ta' oġġetti u kull provvista ta' servizzi mwettqa bi ħlas minn persuna taxxabbli. Madankollu, l-interpretazzjoni tagħhom ma tistax tkun restrettiva sal-punt li ċċaħħad il-fatturi ta' eżenzjoni kkonċernati mill-effett utli tagħhom [46].

55. *It-tielet nett*, fir-rigward b'mod iktar speċifiku tat-tranżazzjonijiet eżenti skont il-punti (b) sa (g) tal-Artikolu 135(1) tad-Direttiva 2006/112, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dawn huma ddefiniti skont *in-natura tal-provvista* ta' servizzi pprovduti u mhux skont il-fornitur jew id-destinatarju tas-servizz. Fi kliem ieħor, l-eżenzjoni ma hijiex suġġetta għall-kundizzjoni li t-tranżazzjoni inkwistjoni titwettaq minn ċertu tip ta' stabbiliment jew persuna ġuridika, iżda għall-kundizzjoni li din it-tranżazzjoni tikkostitwixxi, min-natura tagħha stess, tranżazzjoni finanzjarja [47]. F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Ġustizzja enfasizzat li l-iskop tal-eżenzjoni tat-tranżazzjonijiet previsti fil-punti (b) sa (g) kien, b'mod partikolari, li jtaffu d-diffikultajiet marbuta mad-determinazzjoni tal-bażi ta' taxxa u tal-ammont tal-VAT li jista' jitnaqqas [48].

56. Wara li fakkart dawn ir-regoli ta' interpretazzjoni prinċipali li fil-fehma tiegħi huma rilevanti f'din il-kawża, dawn għandhom issa jiġu implimentati, sabiex jiġi ddeterminat jekk it-tranżazzjoni ta' trasferiment inkwistjoni fil-kawża prinċipali tistax tkun koperta mid-dispożizzjonijiet tal-punt (b) jew tal-punt (d) tal-imsemmi Artikolu 135(1).

### *3. Fuq l-applikazzjoni eventwali tal-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112*

57. Permezz tad-domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja, essenzjalment, dwar jekk tranżazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali taqax taħt il-kunċetti ta' "għoti", ta' "negozjar" jew ta' "immaniġġjar" ta' "krediti" fis-sens tal-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112.

45 Ara b'mod partikolari, is-sentenzi tal-21 ta' Ġunju 2007, Ludwig (C-453/05, EU:C:2007:369, punt 22); tas-26 ta' Mejju 2016, Bookit (C-607/14, EU:C:2016:355, punt 33); tas-16 ta' Novembru 2017, Kozuba Premium Selection (C-308/16, EU:C:2017:869, punti 38 *et seq.*), kif ukoll tal-25 ta' Lulju 2018, DPAS (C-5/17, EU:C:2018:592, punt 28).

46 Ara b'mod partikolari, is-sentenzi tat-28 ta' Ottubru 2010, Axa UK (C-175/09, EU:C:2010:646, punt 25); tas-16 ta' Novembru 2017, Kozuba Premium Selection (C-308/16, EU:C:2017:869, punti 39 u 45); tal-25 ta' Lulju 2018, DPAS (C-5/17, EU:C:2018:592, punt 29), kif ukoll tad-19 ta' Diċembru 2018, Mailat (C-17/18, EU:C:2018:1038, punt 37).

47 Ara b'mod partikolari, is-sentenzi tad-19 ta' April 2007, Velvet & Steel Immobilien (C-455/05, EU:C:2007:232, punti 21 *et seq*); tat-22 ta' Ottubru 2009, Swiss Re Germany Holding (C-242/08, EU:C:2009:647, punti 44 *et seq*); tat-28 ta' Ottubru 2010, Axa UK (C-175/09, EU:C:2010:646, punti 26 *et seq*); tat-22 ta' Ottubru 2015, Hedqvist (C-264/14, EU:C:2015:718, punti 37 *et seq*); tas-26 ta' Mejju 2016, Bookit (C-607/14, EU:C:2016:355, punti 36 u 54), kif ukoll tal-25 ta' Lulju 2018, DPAS (C-5/17, EU:C:2018:592, punti 31 u 45).

48 Ara b'mod partikolari, is-sentenzi tad-19 ta' April 2007, Velvet & Steel Immobilien (C-455/05, EU:C:2007:232, punt 24); tas-26 ta' Mejju 2016, Bookit (C-607/14, EU:C:2016:355, punt 55), kif ukoll tal-25 ta' Lulju 2018, DPAS (C-5/17, EU:C:2018:592, punt 46).

58. Qabelxejn, nippreċiża li fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq li tipprovdi li l-kunċetti hemm imsemmija u l-eżenzjonijiet li jirriżultaw minnhom għandhom ikunu s-suġġett ta' perċezzjoni *awtonoma*[49], l-argumenti ta' PNC ibbażati fuq il-kontenut tad-dritt ċivili Portugiż u tal-għażla tal-partijiet li jikklassifikaw it-tranżazzjoni kontenzjuża bħala "cessão de crédito"[50], huma fil-fehma tiegħi, irrilevanti.

59. Barra minn hekk, nenfasizza li *l-qorti tar-rinviju* stess tinnota li mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja[51] jirriżulta li l-eżenzjoni mill-VAT prevista fl-Artikolu 135(1)(b) tapplika "tkun xi tkun in-natura tal-fornitur jew tad-destinatarju, peress li [l-imsemmija] eżenzjoni hija ddefinita skont in-natura tat-tranżazzjonijiet inkwistjoni, u mhux skont in-natura tal-intervenjenti"[52]. Minn dan hija ġustament tiddeduċi li l-eżenzjoni kkonċernata tista' tapplika għat-tranżazzjonijiet previsti minn din id-dispożizzjoni anki meta dawn tal-aħħar jitwettqu minn entitajiet oħra minbarra l-istituzzjonijiet finanzjarji[53].

60. Min-naħa l-oħra, din il-qorti tesprimi dubji rigward l-applikabbiltà f'dan il-każ tal-punt (b), minħabba n-natura speċifika tat-tranżazzjoni kontenzjuża. Hija tindika li din hija "trasferiment, bi ħlas, ta' pożizzjoni proċedurali f'rikors intiż għall-irkupru ta' dejn irrikonoxxut minn deċiżjoni ġudizzjarja"[54]. Issa, fil-fehma tagħha, il-Qorti tal-Ġustizzja sallum iddeċidiet biss fir-rigward ta' sitwazzjonijiet marbuta mal-"għoti ta' krediti/finanzjamenti/self fis-sens tradizzjonali (jiġifieri marbuta ma' interessi, self jew finanzjament)".

61. Fil-fatt, minkejja li l-Qorti tal-Ġustizzja għadha qatt ma kellha każ bħal dak tal-kawża prinċipali, madankollu hija ddeċidiet diversi drabi dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112 għal tranżazzjonijiet ta' "*għoti*" ta' "*kreditu*" fis-sens klassiku ta' dan it-terminu, jiġifieri li jikkonsistu fit-tqegħid għad-dispożizzjoni ta' somma ta' flus taħt forma ta' self, rimborsabbli f'data partikolari u eventwalment flimkien mal-interessi[55]. Barra minn hekk, il-Qorti tal-Ġustizzja diġà inkludiet f'dan il-kunċett konfigurazzjoni iktar atipika, billi aċċettat li l-ħlas iddifferit tal-prezz tax-xiri ta' oġġett aċċettat minn fornitur, bi ħlas ta' interessi, jista' jitqies bħala għoti ta' kreditu, sakemm il-ħlas ta' interessi ma jikkostitwixxix element tal-korrispettiv miksub għall-kunsinna ta' oġġetti jew għall-provvista ta' servizzi, iżda r-remunerazzjoni ta' dan il-kreditu[56]. F'dan il-każ, bħall-Gvern Portugiż u l-Kummissjoni, inqis li t-trasferiment imwettaq mill-persuna taxxabbli kkonċernata, jiġifieri minn PNC, ma għandux l-għan, milli jidher, la li jagħti kreditu fis-sens tradizzjonali tat-terminu u lanqas tali ħlas iddiferit għax-xiri ta' oġġett.

62. Fir-rigward tal-kunċett ta' "*negozjar*" ta' krediti fis-sens tal-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li dan ikopri l-attività ta' persuna intermedjarja li, inkambju għal remunerazzjoni, tipprovdi servizz ta' medjazzjoni, li tagħmel dak li huwa neċessarju sabiex żewġ partijiet jikkonkludu kuntratt dwar prodott finanzjarju, mingħajr ma n-negozjatur ikun

49 Ara l-punt 53 ta' dawn il-konklużjonijiet.

50 Dwar in-nuqqas ta' effett ta' dan l-isem anki fir-rigward tal-issuġġettar tat-tranżazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali għall-VAT, ara il-punt 33 ta' dawn il-konklużjonijiet.

51 Ara b'mod partikolari, is-sentenza tal-21 ta' Ġunju 2007, Ludwig (C-453/05, EU:C:2007:369, punt 25).

52 Ara, ukoll, il-ġurisprudenza ċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 47 ta' dawn il-konklużjonijiet.

53 Għall-kuntrarju ta' dak li donnha tindika s-sentenza appellata quddiem l-imsemmija qorti u skont l-opinjoni tal-prosekutur ġenerali tagħha, li tissemma fid-deċiżjoni tar-rinviju.

54 Kreditu "li jirriżulta minn nuqqas ta' eżekuzzjoni ta' kuntratt ta' aġenzija immobiljarja" li miegħu tiżdied "il-VAT bir-rata fis-seħħ fid-data tal-pagament [kif ukoll] l-interessi moratorji dovuti jew li jistgħu jsiru dovuti sa ma jsir il-ħlas komplet".

55 Ara, bħala eżempju, id-diversi tipi ta' self li taw lok għas-sentenza tad-29 ta' April 2004, EDM (C-77/01, EU:C:2004:243); id-digriet tas-7 ta' Lulju 2010, Curia (C-381/09, mhux ippubblikata, EU:C:2010:406), kif ukoll is-sentenza tat-8 ta' Diċembru 2016, Stock '94 (C-208/15, EU:C:2016:936).

56 Ara s-sentenzi tas-27 ta' Ottubru 1993, Muys' en De Winter's Bouw- en Aannemingsbedrijf (C-281/91, EU:C:1993:855, punti 12 *et seq.*), fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li minkejja li l-eżenzjonijiet għandhom jingħataw interpretazzjoni stretta, xorta jibqa' l-fatt li fin-nuqqas ta' preċiżjoni tal-identità tal-persuna li ssellef u ta' dik li tissellef, l-espressjoni "għoti u negozjar ta' krediti" hija wiesgħa biżżejjed sabiex tinkludi kreditu minn fornitur ta' oġġetti taħt il-forma ta' sospensjoni ta' pagament, kif ukoll tat-18 ta' Ottubru 2018, Volkswagen Financial Services (UK) (C-153/17, EU:C:2018:845, punt 36).

huwa stess parti fil-kuntratt, u lanqas ikollu interess proprju fir-rigward tal-kontenut tiegħu [57]. Jiena naqbel mal-opinjoni tal-Gvern Portugiż li t-tranżazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tirrigwarda trasferiment imwettaq direttament mill-persuna taxxabbli kkonċernata favur il-parti kontraenti tagħha, ma tikkorrispondi xejn għal dan il-kunċett.

63. Finalment, fir-rigward tal-kunċett ta' "*immaniġġjar*" *ta' krediti* fis-sens tal-imsemmi punt (b), nirrileva li dan tal-aħħar jindika espressament li, sabiex tkun eżenti, tali attività għandha tkun eżerċitata mill-persuna li tagħti l-krediti. Il-Gvern Portugiż jargumenta, fil-fehma tiegħi ġustament, li dan il-kunċett donnu jirreferi għal attività li tinkludi l-eżekuzzjoni ta' kompiti bħall-analiżi, is-sorveljanza jew il-massimizzazzjoni ta' krediti miżmuma mill-klijent ta' din il-persuna taxxabbli [58], li bl-ebda mod ma huwa l-każ fl-attività inkwistjoni f'dan il-każ.

64. Għalhekk, jiena tal-opinjoni li tranżazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma tikkostitwixxix b'mod ċar waħda mit-tranżazzjonijiet finanzjarji relatati mal-"krediti" li jibbenefikaw minn eżenzjoni mill-VAT, li huma previsti fl-Artikolu 135(1)(b) tad-Direttiva 2006/112.

### *4. Fuq l-applikazzjoni eventwali tal-Artikolu 135(1)(d) tad-Direttiva 2006/112*

65. Fid-dawl tal-għan tal-kawża prinċipali, għandu jiġi eżaminat jekk it-tranżazzjoni li wasslet għal din il-kawża tistax taqa' taħt il-każijiet ta' eżenzjoni mill-VAT previsti fl-Artikolu 135(1)(d) tad-Direttiva 2006/112, peress li jikkostitwixxu tranżazzjoni li tirrigwarda "djun" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, mingħajr madankollu ma tikkorrispondi għal "irkupru ta' djun", li hija espressament eskluża mill-eżenzjoni skont l-imsemmi punt (d) *in fine*.

66. F'dan ir-rigward, ninnota li billi segwiet ir-regoli ta' interpretazzjoni fuq imsemmija [59], il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet diversi drabi li sabiex jiġi ddeterminat jekk tranżazzjoni tistax tiġi *eżentata mill-VAT skont il-punt (d)* ta' dan l-Artikolu 135(1), għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni ċ-ċirkustanzi partikolari li fihom tkun seħħet it-tranżazzjoni, u mhux il-persuni kkonċernati, kif ukoll għandu jiġi vverifikat jekk hija tissodisfax il-funzjonijiet speċifiċi u essenzjali ta' wieħed mis-servizzi finanzjarji previsti f'dan il-punt (d) [60]. Min-naħa l-oħra, sa fejn naf jien, il-Qorti tal-Ġustizzja ma tatx definizzjoni preċiża tal-kunċett ta' "djun" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni.

67. Nenfasizza li, minkejja li t-test li ttraspona l-punt (d) tal-imsemmi paragrafu 1 fid-dritt Portugiż ma jużax it-terminu eżattament ekwivalenti għall-kelma "djun" [61] użata wara l-kelma "trasferimenti" f'din id-dispożizzjoni tad-dritt tal-Unjoni, dan fih innifsu ma jostakolax l-applikazzjoni ta' dan il-punt (d) f'kuntest bħal dak tal-kawża prinċipali, peress li l-kunċetti hemm inklużi għandhom jiġu pperċepiti b'mod awtonomu [62] u li jeżisti obbligu li t-test nazzjonali kkonċernat jiġi interpretat b'konformità mad-dritt tal-Unjoni [63].

57 Ara b'mod partikolari, is-sentenzi tal-21 ta' Ġunju 2007, Ludwig (C-453/05, EU:C:2007:369, punti 23 u 28); tal-5 ta' Lulju 2012, DTZ Zadelhoff (C-259/11, EU:C:2012:423, punt 27), kif ukoll id-digriet tal-21 ta' Novembru 2017, Kerr (C-615/16, mhux ippubblikata, EU:C:2017:906, punti 42 u 43).

58 Dan il-Gvern jirreferi, f'dan is-sens, għas-sentenza tad-19 ta' Lulju 2012, Deutsche Bank (C-44/11, EU:C:2012:484, punti 23 u 24), li tirrigwarda l-immaniġġjar ta' assi permezz ta' titoli (immaniġġjar ta' portafoll).

59 Ara l-punt 53 *et seq* ta' dawn il-konklużjonijiet.

60 Ara b'mod partikolari, is-sentenzi tat-22 ta' Ottubru 2009, Swiss Re Germany Holding (C-242/08, EU:C:2009:647, punti 45 *et seq*); tat-22 ta' Ottubru 2015, Hedqvist (C-264/14, EU:C:2015:718, punti 38 *et seq*); tas-26 ta' Mejju 2016, National Exhibition Centre (C-130/15, mhux ippubblikata, EU:C:2016:357, punti 34 *et seq*), kif ukoll tal-25 ta' Lulju 2018, DPAS (C-5/17, EU:C:2018:592, punt 36).

61 Nipprečiża li l-Artikolu 9(27)(c) tal-Kodiċi tal-VAT huwa fformulat kif ġej: "as operações […] relativas a […] transferências, *recebimentos* […]" u li l-verżjoni Portugiża tal-Artikolu 135(1)(d) tad-Direttiva 2006/112 hija fformulata kif ġej: "[a]s operações […] relativas a […] transferências, *créditos* […]" (enfasi miżjuda minni, liema kliem jista' jiġi tradott bħala "ħlasijiet riċevuti" għall-ewwel waħda u bħala "krediti" għat-tieni waħda).

62 Skont is-ġurisprudenza invokat fil-punt 53 ta' dawn il-konklużjonijiet.

63 Waqt is-seduta, il-Gvern Portugiż qies li l-leġiżlatur nazzjonali seta' qies li ma kienx neċessarju li jsemmi l-kelma "djun", għaliex din tirrepeti l-kelma "pagamenti" li hija użata fl-istess punt (d). Il-Kummissjoni indikat li l-formulazzjoni użata fid-dritt Portugiż ma tqajjimx problema peress li l-prassi segwita mill-awtoritajiet amministrattivi kienet konformi tad-dritt tal-Unjoni.

68. Madankollu, anki fil-każ li, għall-kuntrarju ta' dak li jiena qiegħed nipproponi, it-tranżazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali tiġi kklassifikata, fir-rigward tal-issuġġettar għall-VAT, bħala provvista ta' servizz li jirrigwarda t-trasferiment ta' dritt mhux korporali, din tal-aħħar kellha l-għan mhux li tagħti dritt li wieħed jirċievi ħlas ta' dejn [64], iżda drittijiet fuq proprjetà immobbli [65]. Fi kliem ieħor, fil-fehma tiegħi, ma jistax jitqies li t-tranżazzjoni kkonċernata tissodisfa l-funzjonijiet speċifiċi u essenzjali ta' servizz finanzjarju tan-natura ta' "transazzjonijet […] li jikkonċernaw […] debiti [djun]" fis-sens tal-imsemmi punt (d).

69. Sussidjarjament, fir-rigward tal-*eċċezzjoni marbuta mal-"irkupru ta' djun*" prevista fil-punt (d) *in fine* tal-Artikolu 135(1) tad-Direttiva 2006/112, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li peress li hija għandha n-natura ta' eċċezzjoni għal regola li tidderoga mill-applikazzjoni ġenerali tal-VAT, dan il-kunċett għandu jingħata portata wiesgħa. Għalhekk, meta l-persuna taxxabbli tipprovdi bi ħlas servizz li għandu l-għan li jikseb il-ħlas ta' djun dovuti lill-klijent tagħha, billi teħilsu mill-kompiti u mir-riskji li huma marbuta man-nuqqas ta' ħlas mid-debitur, din il-persuna taxxabbli ma tistax tibbenefika mill-eżenzjoni prevista mill-imsemmija dispożizzjoni [66].

70. F'dan il-każ, anki jekk jiġi preżunt li t-tranżazzjoni kontenzjuża tista' tiġi kklassifikata bħala provvista ta' servizz, fi kwalunkwe każ, it-trasferiment imwettaq mill-persuna taxxabbli kkonċernata, jiġifieri PNC, bl-ebda mod ma jista' jiġi analizzat bħala servizz bi ħlas intiż sabiex jirkupra dejn dovut lill-parti l-oħra fil-kuntratt, Starplant [67], b'tali mod li dan it-trasferiment ikun kopert mill-eċċezzjoni stabbilita fl-imsemmi punt (d) *in fine*.

71. Għaldaqstant, jiena tal-opinjoni li l-punti (b) u (d) tal-Artikolu 135(1) tad-Direttiva 2006/112 għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-ebda wieħed minnhom ma japplika għal tranżazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali.

## V. Konklużjoni

72. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi kif ġej għad-domanda preliminari magħmula mis-Supremo Tribunal Administrativo (il-Qorti Amministrattiva Suprema, il-Portugall):

L-Artikolu 135(1)(b) u (d) tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, għandu jiġi interpretat fis-sens li l-eżenzjonijiet mit-taxxa fuq il-valur miżjud previsti fil-punti (b) u (d), għat-tranżazzjonijiet li jirrigwardaw rispettivament, l-għoti u n-negozjar ta' krediti jew l-immaniġġjar tagħhom kif ukoll id-djun, ma japplikawx għal tranżazzjoni bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li fiha persuna taxxabbli tittrasferixxi lil terz, għal korrispettiv imħallas minn din tal-aħħar, il-pożizzjoni tagħha fi proċedura ta' eżekuzzjoni forzata, li hija intiża sabiex tikseb l-irkupru ta' dejn li huwa rrikonoxxut minn deċiżjoni ġudizzjarja u li l-ħlas tiegħu huwa ggarantit minn dritt fuq proprjetà immobbli maqbuda li ġiet aġġudikata lilha.

64 Infakkar li fil-mument li fih ġie konkluż il-ftehim ma' Starplant, mhux biss il-kreditu ta' PNC kien diġà ġie rrikonoxxut ġudizzjarjament, kemm fil-prinċipju kif ukoll fir-rigward tal-ammont tiegħu, iżda barra minn hekk l-irkupru effettiv ta' dan il-kreditu kien żgurat u fil-prattika d-dejn kien ġie saldat, wara l-aġġudikazzjoni favur PNC ta' proprjetà immobbli li tappartjeni lid-debitriċi tagħha u li kienet preliminarjament maqbuda (ara wkoll il-punt 34 ta' dawn il-konklużjonijiet).

65 Drittijiet akkumpanjati minn obbligu ta' ħlas, lill-aġenzija ta' eżekuzzjoni, tad-differenza bejn l-ammont tad-dejn dovut lil PNC mid-debitriċi tagħha u l-prezz li bih ġiet aġġudikata l-proprjetà immobbli li tappartjeni lil din tal-aħħar favur PNC (ara l-punt 16 ta' dawn il-konklużjonijiet).

66 Ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tas-26 ta' Ġunju 2003, MKG-Kraftfahrzeuge-Factoring (C-305/01, EU:C:2003:377, punti 49, 58 u 72 sa 80), kif ukoll tat-28 ta' Ottubru 2010, Axa UK (C-175/09, EU:C:2010:646, punti 29 sa 36).

67 Fl-osservazzjonijiet bil-miktub tagħha, il-Kummissjoni nnotat li bħala akkwirenti jew ċessjonarja, Starplant tista', min-naħa l-oħra, tiġi intaxxata jekk jirriżulta li t-trasferiment inkwistjoni jikkostitwixxi "irkupru ta' djun". Fis-sottomissjonijiet orali tiegħu, il-Gvern Portugiż wera dubju dwar jekk is-servizz ipprovdut minn Starplant jistax jiġi kklassifikat hekk, fid-dawl tal-garanzija ta' ħlas li PNC diġà kellha waqt dan it-trasferiment. Hekk jew hekk, nenfasizza li din il-konfigurazzjoni ma hijiex dik tal-kawża prinċipali, li saret biss bejn PNC u l-amministrazzjoni fiskali Portugiża.